**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 652/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**ANTONIO BARBARA**

**Illum, 30 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **ANTONIO BARBARA** ta' 45 sena, iben Carmel Barbara u Maria Grazia nee' Galea, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar it 12 t'Ottubru 1976 u residenti ġewwa Barbara House, Triq id- Disgħa t'April, 1942, Mqabba u detentur ta karta ta l-identita bin-numru 0550276M.

Akkużat talli nhar it-13 ta' Settembru, 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa l-Mqabba u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

**1.** Ikkaġuna lil ommu u ċioe' Maria Grazia Barbara, li għandha l-eta' ta' 83 sena, fastidju meta ġab ruħu b' mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

**2.** Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu, u ċioe' Maria Grazia Barbara.

Il-Qorti giet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Maria Grazia Barbara u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Antonio Barbara b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-piena stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmi Antonio Barbara sabiex iħallass l-spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Ottubru 2021 sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja ;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża fis-seduta tal-lum 30 ta' Mejju 2022, jaqblu li tista' tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkużat primarjament li kkaġuna fastidju lil ommu Maria Grazia Barbara, mara anzjana ta' tlieta u tmenin sena, akkuża li nibtet mill-aġir tiegħu matul

diversi episodji matul is-snin fejn l-imputat jitlobha l-flus u hija tirrifjuta li tagħtihomlu. L-imputat huwa mixli wkoll illi fit-13 ta' Settembru 2021, huwa inġurja jew hedded lill-istess ommu u kwindi, li kkommetta r-reat kontravenzjonali mahsuba fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef[1] li investigat dan il-każ : minn din id-depożizzjoni jirriżulta li Maria Grazia Barbara kienet irrapportat fit-13 ta' Settembru 2021 li l-imputat, binha li jgħix magħha, ripetutament, kull nhar ta' Sibt, jitlobha għal flus minħabba li huwa diżokkupat. Minn dak li rapportat il-vittma lill-Pulizija, meta kienet tirrifjuta li tagħtih il-flus l-imputat kien jaġixxi b'mod aggressiv fil-konfront tagħha u jheddidha. Maria Grazia Barbara rrapportat ukoll lill-Pulizija li fit-13 ta' Settembru 2021, hija rrifjutat tagħti lil binha s-somma ta' €200 li huwa talabha għaliex kienet diġa' tatu flus ftit ġranet qabel u dak il-ħin huwa nfexx jgħajjarha, beżqilha u heddidha li joqtolha. Heddidha wkoll li ser jagħmel suwiċidju.

Minn ħarsa lejn ir-Risk Assessment u r-rapport tal-okkorrenza esebiti fl-atti proċesswali, jirriżulta li Maria Grazia Barbara irrapportat ukoll li l-imputat kien jitolbha l-flus minħabba l-fatt li għandu l-vizzju tad-droga u kellu jagħti l-flus lil diversi nies. Qalet ukoll li hija saret tibża' minnu apparti li tibża' wkoll għas-sigurta' ta' binha l-ieħor, ħu l-imputat, li jgħix fl-istess residenza għaliex għandu diżabilita' li minħabba fiha, jeħtieġ li jingħata għajnuna fiżika mingħandha anke fl-aktar affarijiet bażiċi. Skont il-verżjoni ta' Maria Grazia Barbara, l-imputat kien jippretendi wkoll li hija tħallsu mill-pensjoni tad-diżabbilita' li jirċievi ħuh.

Ġie esebit fl-atti CD kontenenti stqarrija li ġiet rilaxxata b'mod awdjo-viżwali mill-imputat waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fl-14 ta' Settembru 2021, wara li ngħata d-drittijiet legali lilu spettanti u wara li kkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu. L-ispettur Micallef xehdet illi waqt din l-interrogazzjoni, l-imputat taha verżjoni differenti minn dik rapportata minn ommu u allega li kienet hi li bdiet tgħajjat miegħu meta talabha l-flus biex iħallas l-insurance u liċenzja tal-vettura tiegħu peress li huwa

[1] Xhieda tat-30 ta' Mejju 2022.

jaqla’ biss €450 fix-xahar. Qal ukoll li ommu esprimiet ix-xewqa li huwa jmut. Qalet ukoll li l-imputat insista li huwa beżaq lejn il-landa taż-żibel u mhux f’wiċċ ommu u dan meta semagħha tgħajru li tridu jmut. Huwa nnega li fit-13 ta’ Settembru 2021 kien hedded lil ommu li kien ser joqtolha u mbagħad ineħħi ħajtu, għalkemm qal li kien qalilha kliem simili madwar tliet snin qabel iżda fisser ukoll li ommu tgħajru l-ħin kollu bil-kliem “*gorilla sewda*”, “*tigra*” u “*giddieb*”. Ċaħad ukoll li huwa qatt jasal biex jagħmel xi tip ta’ ħsara lil ommu.

Meta l-allegat vittma, Maria Grazia Barbara, ħadet il-pedana tax-xhieda fit-30 ta’ Mejju 2022, iddikjarat li hija tippreferi li ma tixhidx kontra binha u ma xtaqtix tixhed fir-rigward tal-fatti li wasslu biex l-istess binha jiġi mixli li kkommetta ż-żewġ reati kriminali mertu ta’ dawn il-proċeduri. Il-Qorti in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 633(2) tal-Kap. 9 u in vista tal-fatt li x-xhud hija proprju omm l-imputat u wriet biċ-ċar li kieku ma tixhedx kontrih, iddeċidiet li ma ġġiegħelx lix-xhud tixhed.

Ma ġewx prodotti iktar xhieda u provi mill-Prosekuzzjoni u d-difiża ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq da parti tagħha.

Ikkunsidrat;

Kif diga` nghad, l-allegat vittma taż-żewġ reati li jinsab mixli bihom l-imputat, ma xehditx f’dawn il-proceduri dwar il-fatti relevanti. Il-verzjoni ta’ Maria Grazia Barbara dwar il-varji episodji dwar l-aġir ta’ binha u dwar l-inċident li seħħ fit-13 ta’ Settembru 2021, jirrizulta biss (i) mill-Current Incident Report[2] u r-Risk Assessment[3] li ġie mħejji mill-ħaddiema soċjali mill-Aġenzija Appoġġ, liema dokumenti ma ġewx ikkonfermati bix-xhieda *viva voce* quddiem il-Qorti tal-persuni li ħadu l-verżjoni tal-vittma kif imniżżel f’dawn ir-rapporti u (ii) mid-depożizzjoni ġuramentata tal-Ispettur Audrey Micallef – liema depożizzjoni effettivament tikkonsisti f’xhieda fuq kliem ħaddieħor ghaliex hija rripetiet biss dak li qaltilha Maria Grazia Barbara minghajr din

[2] Fol. 21 et sequitur tal-atti.
[3] Fol. 14 et sequitur tal-atti.

il-verżjoni tal-vittma giet ikkonfermata mix-xhieda diretta u *viva voce* tagħha stess jew ta' xi xhud okulari tal-episodji li għamlet referenza għalihom.

Huwa indiskuss illi x-xhieda ta' persuni li ma pperċepewx direttament huma stess il-fatti li xehdu dwarhom, ma tistax tinghata piz ghall-fini tal-prova tal-kontenut ta' dak li gie rapportat u huwa effettivament, *hearsay evidence*. Magħdud dan il-fatt illi fil-każ in diżamina, ma jistgħux isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 599 tal-Kap. 12, reż applikabbli għal proċeduri kriminali għaliex hawnhekk, il-vittma effettivament tressqet biex tixhed iżda wriet li ma tridx tixhed kontra binha u l-Qorti, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 633(2) tal-Kap. 9, qieset li m'għandhiex iġġiegħlha tagħmel dan. Ix-xhieda tal-persuni li lilhom hija rakkontat il-verżjoni tagħha hija prova ammissibbli biss tal-fatt li hija tat dik il-verżjoni iżda mhux prova tal-verita' ta' dak li hija rapportat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**[4] gie ritenut li:-

"*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* <u>*Subramaniam v. Public Prosecutor*</u> *fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay.* ***It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement****. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.' Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).* ***Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija***

[4] Deciza mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Ottubru, 2011 (Numru 33/2010).

***biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu****.*

…

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''*

*'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il- Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*" [emfasi tal-Qorti]

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa ppruvat li effettivament, Maria Grazia Barbara irrapportat lill-Pulizija l-inċidenti li kellha ma' binha l-imputat u rrapportat li hija ħassitha mbeżża' bil-kondotta tiegħu fil-konfront tagħha, ma nġabux provi oħrajn biex jissostanzjaw dak li ġie rapportat.

Imbagħad, b'referenza għall-prova tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat fl-14 ta' Settembru 2021, il-Qorti tosserva li effettivament, l-imputat ma ammetta għal ebda kondotta li tista' tiffigura bħala fastidju għall-finijiet tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u ċaħad ukoll b'mod assolut il-verżjoni tal-vittma dwar l-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru 2021 u nnega wkoll li huwa hedded jew inġurjaha dakinhar.

Dan ifisser li mhemmx fl-atti proċesswali provi b'valur probatorju biżżejjed biex iwasslu għal dik il-prova fil-grad li tesigi l-ligi ghas-sejbien ta' htija fil-kamp kriminali, dwar dak li effettivament u attwalment gara waqt dawn l-episodji, b'mod partikolari l-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru 2021. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax

tkun moralment konvinta li l-imputat mexa fil-konfront ta' ommu b'kondotta li tikkostitwixxi l-element materjali tar-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 jew li għamel l-inġurji u theddid ravviżati fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi diretti u fin-nuqqas ukoll ta' provi cirkostanzjali univoci, mhux ambigwi u li jorbotu lill-imputat b'mod inekwivoku mar-reati lilu addebitati, il-Qorti ma tistax tistax issib ħtija fl-imputat għall-kommissjoni ta' dawn iż-żewġ reati u ghalhekk ma ghandhiex ghazla hlief li tillibera lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet addebitati lilu.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil ANTONIO BARBARA ħati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet lilu addebitati fic-Citazzjoni u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**